# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 44/2018**

It-Tlieta 20 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

44.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Christian Cassar u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba, kienu skużati. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

### 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

44.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 42/2018 u l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 43/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

44.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

44.2.3 Chev Carmelo Saliba għamel punt fuq il-minuti 42.3.6 fejn qal li hu kien ressaq vot u l-kumment tal-Viċi-Sindku marbut mal-vot li ressaq ma kienx mitlub. Chev Carmelo Saliba talab biex dan ma jitniżżilx fuq il-minuti.
Il-Viċi-Sindku kkonferma l-kumment li kien qal u saħaq li dak li jingħad waqt il-laqgħa għandu jirrifletti fil-minuti.
Chev Carmelo Saliba staqsa dwar ir-*roadhump* fi Triq il-Mitħna. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li la darba titwaħħal it-tabella li diġa' ġiet ordnata, din ir-*roadhump* titneħħa.

44.2.4 Il-Viċi-Sindku s-Sur Daniel Cordina staqsa fuq il-minuti 42.4.1 biex jara xi progress sar dwar il-periklu ta' fuq il-*boathouses* tax-Xwejni. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li nfurmajna lil Ministeru għal Għawdex dwar dan il-periklu, ġejna nfurmati li dan ma jaqax taħt ir-responsabilta' tagħhom. Hawn intbagħtet *email* lill-Perit biex isir studju u kuntatt mal-ERA biex naraw x'hemm bżonn isir biex jitneħħa dan il-periklu. Fuq l-istess minuti il-Viċi-Sindku semma jekk sarx kuntatt mas-Sur Charles Spiteri dwar il-ġbir tal-ħaxix li jinqata' mil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li ntbagħtet *email* lis-Sur Charles Spiteri dwar dan, hu wieġeb li servizz bħalma tlabna ma jingħatax mid-dipartiment tagħhom.

44.2.5 Is-Sinjura Sandra Grech, dwar il-minuti 42.4.2, staqsiet jekk sarx kuntatt ma Transport Malta biex ngħarrfuhom li d-*double yellow lines* fi Triq iż-Żebbuġ

saru fuq in-naħa l-ħażina. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ntbagħtet *email* iżda ma kellniex risposta. Fuq l-istess minuti, is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar il-laqgħa li għandha ssir mal-Ministru. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ntbagħtet *email* iżda ma kellniex risposta.

Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar minuti 42.4.1 biex issir diskussjoni fuq is-*Summer Festival* f'għeluq iż-żmien tas-Sajf. Hawn Chev Carmelo Saliba qal li dan kien isir meta ma kienx iffurmat il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn.

44.2.6 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

44.3.1 Is-Sindku ppreżenta l-istima tal-patching wara proposta f'laqgħa preċedenti biex isir il-patching madwar il-lokalita' speċjalment fid-dawra tal-purċissjoni. L-istima kienet tammonta għal €33,093.67.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma jkunx għaqli li jsir dan ix-xogħol minħabba l-qagħda finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill bħalissa.

Il-membri tal-Kunsill qabblu li dan il-patching bħalissa ma jsirx u jerġa jiġi kkunsidrat la darba l-Kunsill ikun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar.

44.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar fuljett li ntbagħat mill-Viċi-Sindku lir-residenti ta' Triq Ħal Sagħtrija. Is-Sindku qal li mhux jiġbed l-attenzjoni fuq li bagħat dan il-fuljett għax kellu kull dritt li jagħmel dan iżda qal li qed jiġbed l-attenzjoni dwar il-kontenut ta' dan il-fuljett fejn semma li kien hemm min xekkel ħidmietu u fejn irringrazzja lil sħabu l-kunsilliera iżda ma semmiex lis-Sindku. Is-Sindku qal ukoll li f'dan il-fuljett hemm miktub li kien is-Sur Daniel Cordina li ppropona biex issir din it-triq meta dan m'huwiex minnu.

Hawn is-Sindku ħareġ kopja ta' *email* li kien bagħat lill-Ministeru għal Għawdex fl-1 ta' Lulju 2013 biex issir din it-triq. Is-Sindku qal li ilu minn qabel ma kien is-Sur Daniel Cordina membru tal-Kunsill li kien ppropona u għamel pressjoni biex issir din it-triq.

Is-Sindku talab formalment lil Viċi-Sindku biex bil-miktub jikteb min kien ta xkiel għalih hekk kif semma' fil-fuljett li ntbagħat.

Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li hu ma kienx qed jirreferi għal ħadd mill-membri tal-Kunsill Lokali li xekkel ħidmietu. Hu rringrazzja ripetutament lil Ministru

għal Għawdex Justyne Caruana li tagħtna dawn il-fondi. Il-Viċi-Sindku talab apoloġija lis-Sindku fejn fuq il-fuljett irringrazzja lill-kunsilliera u ma kitibx lis-Sindku iżda qal li kien qed jirreferi għalih ukoll.

Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jinħareġ avviż jew fuljett lir-residenti ta' din it-triq sabiex jiġi ċċarat dan il-punt. Is-Sindku qal ukoll li ma kienx għaqli li fuq il-media il-Viċi-Sindku isemmi ċifri u ammonti ta' flus li ngħatajna għal din it-triq meta s-sejħa għall-offerti kienet għadha mhix konkluża. Hu saħaq li ċertu informazzjoni hija kunfidenzjali speċjalment f'dan il-każ li seta' jippreġudika l-ammont tal-offerta li l-kuntratturi interessati jissottomettu għal dan il-proġett.

Is-Sinjura Sandra Grech fuq dan il-punt qalet li hi wkoll kienet għamlet pressjoni mal-Ministru Justyne Caruana biex issir din it-triq wara li l-istess Ministru kellha kuntatt mas-Sindku.

Chev Carmelo Saliba talab lis-Sindku biex jagħmillu xi mistoqsijiet dwar dan is-suġġett. Hu staqsa lis-Sindku jekk kienx hu li attenda għall-okkażjoni sabiex il-Kunsill jingħata dawn il-fondi. Is-Sindku wieġeb li iva hu attenda. Chev Carmelo Saliba staqsa lis-Sindku jekk din l-opportunita' mill-Ministeru għal Għawdex kinitx speċifikament għall-Kunsill taż-Żebbuġ biss jew ibbenefikaw Kunsilli ta' rħula oħrajn f'Għawdex. Is-Sindku wieġeb li bħalma l-Ministeru għadda fondi għal toroq oħrajn f'Għawdex, il-Kunsill taż-Żebbuġ ingħata fondi għal Triq Ħal Sagħtrija. Hawn Chev Carmelo Saliba talab għal lista ta' Kunislli u t-toroq rispettivi li bbenefikaw minn din l-iskema.

## 44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera peress li kienu ser iressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom waqt il-ħin tas-suġġerimenti u l-ilmenti tar-residenti.

## 44.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

44.5.1 Green MT: Deċiżjoni tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Green MT dwar id-deċiżjoni tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi fejn avża lill-Kunsill li ser jibqa' joffri s-servizz hekk kif stipulat bil-liġi biss, jiġifieri l-ġbir tal-borża l-griża bieb bieb, u provediment ta'

Bring in Site biss, u dan sakemm jinstema' l-appell li ser iressaq quddiem l-Awtorita'.

44.5.2 Ministry for Gozo: Dangerous Rocks < Log 667
Wara korrispondenza li l-Kunsill bagħat lil Ministeru għal Għawdex dwar ġebel perikoluż li qed jaqa' minn fuq il-boathouses fix-Xwejni, infurmawna li il-Ministeru ma jistax jieħu azzjoni peress li wara verifiki li għamlu, dik iż-żona hija fir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali. Il-Ministeru nnota li diġa' hemm tabella turi dan il-periklu. Il-Kunsill kellem diġa lil Perit Edward Scerri biex tinstab soluzzjoni għal dan il-periklu u ġie deċiż li fil-laqgħa mal-Ministru jissemma' dan il-punt.

44.5.3 Soċjeta' Filarmonika Santa Marija: Użu tal-Maħżen
Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Santa Marija biex iressqu talba biex bħala Soċjeta' jagħmlu użu mill-garaxx / maħżen li għandu l-Kunsill Lokali fil-pjazza Madonna tal-Virtut. Il-membri tal-Kunsill qablu sabiex jagħtu permess lis-Soċjeta' żżomm il-karru tal-festa. Ġie deċiż li meta jkollhom bżonn jużaw dan il-maħzen, persuna nkarigata mill-Kunsill tmur tiftaħ u tagħlaq dan il-maħżen minħabba r-responsabilta' tal-oġġetti tal-Kunsill miżmuma f'dan il-maħżen.

44.5.4 *EU affairs at* Local Government: Proġett taħt il-Programm LIFE+
Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*EU affairs* fi ħdan id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn qed tħeġġeġ lill-Kunsill Lokali jissottomettu interess dwar xiri jew kiri ta' vettura elettrika jew *hybrid* għall-użu tal-Kunsill Lokali. Il-membri preżenti qablu li l-Kunsill jissottometti l-interess biex tinxtara vettura, preferibilment trakk, biex tinġarr xi għodda u materjal biex isiru xogħlijiet fil-komunita'. Rigward fejn tista' titwaħħal *recharging station* u *parking bay* għaliha, il-membri ssuġġerew li tkun fil-pjazza tar-raħal.

44.5.5 Sezzjoni Żagħżagħ Soċjeta' Filarmonika Santa Marija: Attivita' Soċjali
Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-sezzjoni żagħżagħ tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija b'suġġeriment sabiex issir attivita' soċjali fi żmien l-Għid mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tas-sezzjoni żagħżagħ tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija, bl-ispiża għal din l-attivita' tkun ta' €500. Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.

44.5.6 MFCS: Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar – April 2018
Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Familja u

Solidarjeta’ Soċjali fejn qed jagħmlu talba sabiex il-Kunsill jospita’ kors għal għaxar ġimgħat bl-isem ‘Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar’. Il-Kunsill qabel sabiex isir suġġeriment lill-iskola primarja tal-lokalita’ jekk tistax tospita dan il-kors fis-sala tal-iskola.

44.5.7 Applikazzjonijiet tad-Divertiment

- Vini e Capricci – Lunch - Xwejni Salt Pans – 01/06/2018 – Approvata;
- Vini e Capricci – Lunch - Xwejni Salt Pans – 10/06/2018 – Approvata;
- Vini e Capricci – Lunch - Xwejni Salt Pans – 17/06/2018 – Approvata;
- Vini e Capricci – Dinner - Xwejni Salt Pans – 18/08/2018 – Il-Kunsill irrifjuta li jinħareġ dan il-permess minħabba li f’din il-ġurnata ikun hemm l-attivitajiet tal-festa fir-raħal taż-Żebbuġ;
- Matthew Grech obo Petite Events – Lunch – Xwejni - 10/05/2018 – Approvata;
- Matthew Grech obo Petite Events – Reception – Xwejni Salt Pans – 01/07/2018 – Approvata;
- Matthew Grech obo Petite Events – Dinner – Xwejni Salt Pans – 06/07/2108 – Approvata;

Il-Kunsill saħaq li l-permessi huma approvati bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill.

44.5.8 Ilment 07/2018 – R. Calleja

Qed tilmenta li l-parti ta’ isfel ta’ triq ta’ Ċenċ għandha bżonn terġa’ titqaxxar biex ma jiskidjawx karozzi. Il-membri tal-Kunsill qalu li din it-triq għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa mal-Ministru u kien hemm qbil biex jittieħed parir mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar dan.

44.5.9 Ilment 08/2018 – J. Adams

Qed tilmenta li hemm bżonn ta’ *dog litter bins* madwar il-lokalita’. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru minħabba l-problema ta’ min ser ibattal dawn il-*bins*.

44.5.10 Ilment 09/2018 – N. Saliba

- Jitwaħħħlu erba’ arbli fi Triq Sant’Indrija quddiem il-*club* tal-football;
- Jitħawlu żewġ siġriet fil-konka ta’ quddiem il-bankina ta’ Dar Stella Maris;
- Isiru żewġ slow signs fil-kisra fil-parti ta’ isfel ta’Wied l-Infern;
- Jitnaddaf il-kanal li kien intradam bit-terrapien f’Ta’ Ġenju;
- Titwaħħal mera fi Triq Skapuċċina mal-playingfield tal-Virtut.

Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suġġerimenti.

44.5.11 Ilment 10/2018 – J. Cefai
Qed jilmenta biex isir twittija bil-gaffa fir-rampa ħdejn iċ-ċimiterju fi Triq iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsill.

44.5.12 Il-Viċi Sindku ressaq dawn l-ilmenti u suġġerimenti:

- Titbaxxa l-bankina fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- Fi Triq ta' Ċikku hemm *spaction* tad-drenaġġ li mhix livell mat-triq biex titranġa. Il-Kunsill qabel dwar dan..
- Biex isir bil-konkos il-kumplament tal-isqaq li jinsab ma' Triq il-Ponta. Il-Kunsill irrimarka li dan jista' jkun li għadu ma tħallasx l-espropjazzjoni lis-sidien. Ġie deċiż li jittieħed parir mill-Perit u jsiru r-riċerki meta l-Kunsill ikun f'qagħda ta' finanzi aħjar biex iwettaq dan il-proġett.
- Biex isir railing tal-kanni fin-naħa ta' Anthony Grech fi Triq iċ-Ċaqra bħalma hemm fuq in-naħa l-oħra tal-istess triq. Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.
- Tittieħed azzjoni biex jitranġa t-taraġ li mit-triq tax-Xwejni jagħti għal bajja. Il-Kunsill qabel li nibagħtu lis-sezzjoni tal-bajjiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar dan.
- Ilment li ressaq resident miegħu biex isir *double yellow line* ta' tlett metri quddiem ir-residenza 'Kangaroo House' fi Triq Għajn Mhelhel, peress li qed jipparkjaw hemm u l-karozza tal-linja ma tkunx tista' tgħaddi. Wara diskussjoni dwar dan mill-membri preżenti, ġie deċiż li jsiru dawn is-sinjali wara *survey* u *proposed plan* mill-perit biex nitolbu l-approvazzjoni minn Transport Malta.
- Biex issir mera għal x'ħin tkun ħiereġ minn Triq il-Kanun. Is-Sindku qal li din inbiddlet diversi drabi wara li jkun sar vandaliżmu fuqha u qal li jekk terġa tinkiser ma terġax issir. Il-membri qablu biex din ma ssirx għax aktarx li terġa' tinkiser la qed iddejjaq lil xi ħadd u jkunu flus moħlija.
- Ma' Triq taċ-Ċaqra hemm ħajt tas-sejjieħ ta' resident biex jerġa' jinbena. Il-Kunsill qabel li ma jsirx peress li jekk isir dan, kulħadd ikun irid jirranġa l-ħajt tiegħu u l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel dawn l-ispejjeż bħalissa.
- Jitwaħħlu żewġ bollards tal-konkos f'nofs il-bidu tal-moll tax-Xwejni sabiex ma jitilgħux karozzi fuq il-moll. Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.
- Issir ħolqa f'nofs l-islipway tal-moll tax-Xwejni. Is-Sindku informa lil

Kunsill li din il-ħolqa kienet inkluża fil-proġett u ser issir.

- Biex isiru erba' *spotlights* għat-triq tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx dwar dan għax ser jinħoloq preċedent u jekk isiru ser nintrabtu biex nagħmlu d-dwal lill-purċissjonijiet l-oħra kollha li jsiru matul is sena fil-lokalita' u l-ispiża ma tkunx għal darba iżda tkun rikurrenti għal kull purċissjoni għal kull sena. Ġie deċiż li tinġabar kwotazzjoni tal-kiri tal-i*spotlights* u tal-konsum tagħhom.
- Isir manutenzjoni u żebgħa fuq żewġ bankijiet fi Triq il-Ponta u fuq żewġ bankijiet fi Triq il-Lampuka. Il-Kunsil qabel dwar dan.
- Biex tinstab soluzzjoni dwar il-problema taż-żibel ħdejn il-*bring in sites* tal-qbajjar. Is-Sindku wieġeb li din il-materja trid tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn l-ewwel peress li l-post jaqa' taħt Marsalforn.

Wara l-kumment tas-Sindku, il-viċi-Sindku irtira mil-laqgħa fis-7.30pm.

44.5.13 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba ressaq dawn is-suġġerimenti:

- Tinkera sistema tas-sound għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira għall-prezz ta' €350. Il-membri preżenti qablu dwar dan.
- Issir Ħarġa Kulturali għall-'Festa l-Kbira' ġewwa l-Belt Valletta fejn ser jiġu ċċelebrati l-erba' festi prinċipali tal-Belt nhar is-7 t'April 2018. Il-membri preżenti qablu li l-Kunsill jorganizza din il-ħarġa.
- Fi Triq iż-Żebbuġ ħdejn l-impjant tat-tarmac isiru tlett tabelli jindikaw il-ħruġ ta' l-impjant minn 150m, 100m u 50m biex jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa. Il-membri preżenti qalu sabiex issir talba lil Transport Malta biex isiru dawn it-tabelli minnhom peress li Triq iż-Żebbuġ taqa' fir-responsabilita' tagħhom.
- Biex il-monument tal-gwerra fi Pjazza l-Assunta jkun komplut issir statwa tal-bronze ta' Kristu Rxoxt għall-prezz ta' €1,300 u jiddawwal minn isfel b'erba' bozoz għall-prezz ta' €1,158 li jinkludi x-xiri tal-bozoz u l-installatzzjoni. Bħalma kien ġie approvat jitkompla x-xogħol tal-irħam fuq dan il-monument u fl-irħam ser jinkiteb biss l-isem tal-monument u l-ismijiet bl-eta' u d-dati ta' meta mietu dawn l-eroj żebbuġin. Il-membri preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.
- Isir fanal taħt il-monument tas-Salve Regina fi Triq iż-Żebbuġ sabiex id-devoti jkunu jistgħu jpoġġu x-xemgħa ġo dan il-fanal. Kien hemm qbil dwar dan.

44.5.14 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba staqsa dwar il-proposta li kien għamel biex

titranġa l-entratura tal-uffiċċju tal-Kunsill. Fuq din, is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta tlett kwotazzjonijiet u l-membri preżenti qabblu li x-xogħol isir mingħand l-orħos offerta dik ta' Window World Innovations għall-prezz ta' €2,736.54.

44.5.15 Is-Sinjura Sandra Grech ressqet ilment li hemm ħofra fi Triq tal-Ħamra biex timtela' bil-konkos. Kien hemm qbil mill-membri preżenti fuq dan ix-xogħol.

44.5.16 Is-Sindku għamel punt fuq id-*double yellow lines* għall-Triq Għajn Mhelhel u qal li dejjem qagħad lura minn dan l-ilment biex ma joħloqx tgergir u ġlied fost ġirien u qraba ta' din it-triq. Iżda saħaq li wara li ġiet approvata l-proposta tal-Viċi Sindku, hu ser iressaq xi ilmenti tan-nies rigward *double yellow lines* f'din it-triq:

- *Double yellow line* quddiem ir-residenza ta' Pawlu Cassar;
- *Double yellow line* quddiem ir-residenza ta' Mario Tabone;
- *Double yellow line* ta' metru kull naħa tal-garaxx tar-residenza 'Eugenio House'.

Dawn ġew approvati mill-membri preżenti.

44.5.17 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li ħarġet is-sejħa għall-kwotazzjoni biex isir il-ktieb dwar iż-Żebbuġ u l-konfini tiegħu miktub mill-Professur Horatio, il-Kunsill irid jaħtar il-bord tal-evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li jinħatru hekk kif ġej:

*Chairperson* u Segretarju: Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill
*Evaluator*: William Sultana (*Contracts Manager*)
*Evaluator*: Daniel Galea (*Accountant*)

44.5.18 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-bżonn li l-Kunsill jixtri *safety shoes* u *safety vests* għall-ħaddiema tal-iskema li qed jagħmlu xogħol mal-Kunsill. Dan sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa u s-sigurta' ta' dawn il-ħaddiema waqt ix-xogħol. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

44.5.19 Fuq proposta tal-Kunsillier Chev Carmelo Saliba li ssir tabella bil-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju għall-pubbliku murija fuq il-bieb ta' barra tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li, filwaqt li l-ħin tax-xogħol tal-impjegati hu mis-7.00am sa l-4.00pm fix-Xitwa u mis-7.00am sas-1.00pm fis-Sajf, il-ħinijiet tal-uffiċċju miftuħa għall-pubbliku jkunu bejn is-7.30am u 3.45pm fix-Xitwa u bejn is-7.30am u 12.45pm fis-Sajf. Il-membri preżenti qablu dwar dan.

**44.6 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Ottubru 2017 – Diċembru 2017;**

44.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Ottubru 2017 – Diċembru 2017. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport fejn ħareġ il-bżonn li l-Kunsill joqgħod attent aktar minn qatt qabel fl-infieq u fil-proposti ta' proġetti, biex b'hekk inkunu nistgħu ngħollu l-FSI ta' -7% mill-aktar fis possibli.

Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Ottubru 2017 – Diċembru 2017 ġie approvat unanimament minn dawk preżenti.

**44.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;**

44.7.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM33/2018 tat-Tnejn 15 ta' Jannar 2018 u l-laqgħa KAM34/2018 tat-Tnejn 19 ta' Frar 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

**44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

44.8.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 32/2018 għall-perjodu bejn il-15 ta'Frar 2018 u l-15 ta' Marzu 2018 li tammonta għal €67,124.70 kienet approvata u ffirmata.

**44.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

44.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 20 t'April 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 20 t'April 2018.

| Iffirmati | Iffirmati |
|---|---|
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |